MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2012

Numru 502/1999

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT ALEXANDRA MAMO**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**PAUL GAUCI BORDA ta' 46 sena, iben il-mejjet Paul u Carmen Cassar, imwieled Attard nhar it-23.05.1966, residenti fil-fond D'Aniens, Flat 1, St Albert Street, Gzira, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 252366M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Paul Gauci Borda** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Dr G Muscat, Pierre Brincat, u persuni ohra fuq cekkijiet tal-Mid Med Bank u banek ohra;

U aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' cekkijiet tal-Mid Med Bank u banek ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

U aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm1,000.00 bi hsara ta' diversi persuni, fosthom Wands Ltd bl-ammont ta' Lm418.80; Master Wine Ltd bl-ammont ta' Lm319.97; u Smart Supermarket bl-ammont ta' Lm390.40; Paul Scerri bl-ammont ta' Lm180.00; u Super Master Ltd bl-ammont

ta’ Lm258.84, bi ksur tal-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxiehom jew ibieghhom bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fis-06.07.1999, minn Birkirkara ikkommetta serq minn vettura EBC659 ghad-dannu ta’ Pierre Brincat, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fil-25 ta’ Mejju, 1999, mill-Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ vettura AAI887 ghad-dannu ta’ Arthur Muscat, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-mezz, u bin-natura tal-haga misruqa;

U aktar talli nhar it-13 ta’ Lulju, 1999, mill-Belt Valletta, ikkommetta serq mill-vettura MYR229 ghad-dannu ta’ Mario Azzopardi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-12 ta’ Jannar, 1996.

Rat li l-imputati t-tnejn wiegbu li ma kinux hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Rat li mibghuta l-Artikoli, l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji.

Rat l-Artikoli li jaqraw:

a. L-Artikoli 183, 184 tal-Kodici Kriminali;
b. L-Artikoli 167, 169 tal-Kodici Kriminali;
c. L-Artikoli 308, 309 tal-Kodici Kriminali;
d. L-Artikoli 334 tal-Kodici Kriminali;
e. L-Artikoli 18, 263, 267, 271, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
f. L-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat ukoll illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, gie separat il-gudizzju stante li l-imputat David Chapman kien jisnab mahrub. **<u>Ghalhekk dan il-gudizzju huwa biss fil-konfront ta' Paul Gauci Borda.</u>**

Rat ukoll in-nota tad-Difiza, fejn ezentat lill-Qorti milli terga' tisma' l-provi kompilati minn din il-Qorti diversament preseduta, ghajr ghax-xhieda ta' Pasquale De Domenici li fil-fatt rega' nstema' minn din il-Qorti kif preseduta.

Rat il-provi kollha mismugha li taghhom il-Qorti ser tghaddi biex taghmel succinct.

Joseph Grixti xehed illi hu kien jahdem mal-kumpanija Wands u kien responsabbli mill-hanut Cash and Carry. Qal illi hawn kienu jbieghu wines and spirits. Qal illi kien sar rapport dwar cheques li gew countermanded. Qal illi kien mar bniedem li hu gharaf bhala l-ko-imputat David Chapman jixtri xorb minghandhom ghax kellu party. Xtara bl-ammont ta' Lm418.80. Tah isem ta' Pierre Brincat u xehed li anke ffirma c-cheque. Urieh anke l-identity card li fuqha skondtu kien hemm isem Pierre Brincat. Qal illi dak l-ammont ma thallasx lill-kumpanija. Prezenta anke video cassette tat-transazzjoni li kien qieghed jixhed fuqha. Xehed ukoll illi fuq il-karta ta' l-identita' kien hemm l-istess wicc tal-ko-imputat minnu maghruf.

Pasquale De Domenici wkoll xehed illi hu kien jahdem il-Wands bhala storekeeper. Ezebixxa zewg cheques – wiehed ghall-ammont ta' Lm156.30 datat 02.07 u korrispondenza relattiva, Dok PD1 u PD2. Qal illi c-cheque msemmi nghata lilu. Qal illi meta nghata lilu c-cheque kien gie ffirmat u li tahulu Paul Gauci Borda. Qal anke li d-dettalji fuq il-wara tac-cheque kienu diga' miktuba.

Pierre Brincat xehed illi hu kellu vettura PBC 659 Peugeot li kien sar serq minnha. Sab il-bieba llevata. Minnha nsterqulu stereo tad-ditta Kenwood li jiswa Lm124.00, wallet bil-VISA card, Quick Cash, identity card, u karti ohra personali. Sab anke c-cheque book nieqes illi kellu

fih sitt cekkijiet. Ma kinux iffirmati. Fir-rigward ta’ cheque Dok AG2 (folio 31) qal illi l-kitba fuqu ma kinitx tieghu, lanqas ma kien imlieh hu, lanqas iffirmah hu, lanqas kien kiteb il-kitba ta’ wara hu.

Marie Louise Cuschieri, impjegata mal-Mid Med Bank (St Paul’s Bay) xehdet dwar kont li kien jghajjat lil Dr George Muscat. Xehdet illi dan ghamel stop payment fuq ic-cheque book. Xehdet illi c-cheques kienu dahlu l-bank u ma gewx onorati minhabba f’hekk.

Minn naha tieghu Jeffrey Abel Wedge in rapprezentanza tal-Mid Med Bank, Mosta, xehed fuq rapport maghmul maghhom minn Mario Azzopardi dwar cheque book misruq u stop payment relattiv.

Mario Azzopardi minn naha tieghu xehed illi hu fit-13 ta’ Lulju kien sab il-karozza tieghu miftuha u sgassata. Minnha nsterqulu stereo, affarijiet personali, u cheque book.
Ikkonferma wkoll li gie nfurmat mill-bank illi xi cekkijiet mill-kont kurrenti lahqu hargu. Ikkonferma li l-firma fuq dawn ma kinitx tieghu.

Carmel Mary Cutajar xehed illi kien jahdem bhala storekeeper mal-Master Wine Ltd. Xehed illi l-imputati kienu marru l-Master Wine u talbuhom xoghol (xorb irqiq) ghal party. Qal illi l-imputat Paul Gauci Borda anke staqsieh kemm idumu miftuhin, mentri Chapman tahom ic-cheque. Ikkonferma c-cheque u l-invoice Dok CMC1 u CMC2; ic-cheque wiehed fl-ammont ta’ Lm319.97. Xehed illi dak l-ammont kien ghadu dovut lill-kumpanija.

Arthur Muscat xehed illi kien jahdem ma’ Simonds Farsons Cisk. Xehed dwar il-fatt illi kien sab il-bieba tal-karozza tieghu miksura. Minnha nsterqulu stereo kif ukoll briefcase li fiha kellu files tax-xoghol, cheque books, credit cards, u dokumenti ohra privati tieghu. Qal illi kellu cheque books privati tieghu, ic-cheque book ta’ zijuh anzjan Dr George Muscat. Hu kien il-prokuratur tieghu. Dwar ic-cheque book ta’ Muscat xehed illi dan kien mahrug mill-Mid Med mentri tieghu kien tal-Bank of

Valletta. Qal illi b'dan is-serq avza mmedjatament iz-zewg banek. Muri d-dokumenti PD1 u PD2 qal illi fuq l-ebda wiehed ma kienet tidher il-firma tieghu, qal illi lanqas ta awtorizzazzjoni lil xi hadd ghal hekk. Muri c-cheque a folio 32, ikkonferma li dik ta' fuqu ma kinitx il-kitba tieghu.

Xehed Amadeo De Gaetano u Frederick Stivala, impjegati ta' Stivala Wines and Spirits dwar xorb mibjugh b'hekk mhux onorat, pero ma gharfux lill-imputat, issa wara s-separazzjoni tal-gudizzju. Anke Sergio Micallef xehed illi s-socjeta' Anthony Caruana & Sons Ltd li maghha kien jahdem kienet bieghet xorb lil zewg persuni li hallsu b'cheque li ma kienx gie onorat. Ma gharafx lill-imputat prezenti fl-Awla.

Kif mitlub rega' xehed Pasquale De Domenici. Ikkonferma li huwa kien ghamel rapport fuq zewg klijenti li kienu marru jixtru, anzi kkorega li wiehed kien mar jixtri u ndika lill-imputat Paul Gauci Borda. Dan xtara mill-hanut Wines and Spirits, xtara xorb ghall-ammont ta' Lm100.00, hallas b'cheque li ma kienx gie msarraf. Gharaf ic-cheque ta' Lm156.00 a folio 32. Dan kien cheque li accetta hu.
In kontro ezami kkonferma li hu ftakar lill-imputat anke ghax wara li rega' mar lura c-cheque (mibghut mill-bank) ra l-cassette (recording tal-hanut tat-transazzjoni in kwistjoni) ukoll mal-pulizija, stante li kien gie rapurtat li c-cheque book kien misruq.
Mistoqsi kif jaghraf lill-imputat, qal illi hu rah darba fil-hanut u kull darba li tela' l-Qorti. Qal pero li minn naha tieghu kien jiftakar bniedem wiehed biss (folio 187).

L-espert nominat minn din il-Qorti, Dr Martin Bajada, xehed illi l-stills mitluba minnu biex johrog mill-video tat-transazzjoni msemmija, kienu juru niez zghar wisq, ghalhekk ma setghetx issir analizi oggettiva.

Rat li d-Difiza ma kellha ebda provi xi tressaq.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-ezami tal-provi prodotti, Paul Gauci Borda jista' biss jinstab unikament responsabbli talli uza cheque (mhux tieghu) Dok PD2 biex xtara x-xorb minghand Wands Ltd. Dan skond kif iddepona x-xhud Pasquale De Domenici, li kontrarjament ghat-tezi tad-Difiza, kien cert li kien l-imputat li tah ic-cheque msemmi. Il-fatt illi hu tali konferma ghamilha wkoll wara li ra r-recording tat-transazzjoni ma jfissirx illi hu kellu xi dubju fuq l-identita' ta' l-imputat. Tfakkar ukoll il-Qorti li xhud iehor, Carmel Borg Cutajar, li kien jahdem mal-Master Wine, ghalkemm xehed illi kien il-ko-imputat l-iehor li uza c-cheque Dok CMC1, pero Gauci Borda kien mar hemm flimkien ma' Chapman u sahansitra staqsa lix-xhud anke x'hin jaghlqu. Ghalhekk l-unika reat li fil-fatt gie pruvat huwa dak taht l-Artikoli 167, 169, 183, 184 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

Fil-kumplament il-Qorti qieghda tillibera lill-imputat ghax ebda reat iehor ma jirrizulta.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali aggornata tieghu, u tikkundanna ghal piena karcerarja ta' sena effettiva.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------